MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2013

Numru. 448/2013

**-Pulizija**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**Vs**

**Florinel Nitu ta’ 44 sena, bin Gheorge u Vasilica mwieled Romanina nhar is-6 ta’ Settembru 1969, jirresjedi gewwa l-fond nru: 56, Gold Medal, FIE, Triq il-Hgejjeg, San Pawl il-Bahar. U detentur tal-karta tal-identita nru: 48895A**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli nhar il-11 ta’ Mejju 2013 ghall-habta tal-12:00hrs gewwa Triq Testaferrata, Msida:

1. Hedded bil-mewt lil xi persuni b'uzu ta' vjolenza u cioe strument li jaqta u bil-ponta bi ksur ta' Art 251 tal-Kap 9.

2. Volontarjament hassar u ghamel hsara jew gharraq hwejjed haddiehro, mobbli jew immobbli, u cioe` hsara fuq bibe ta' barra ta' residenza ghad-detriment ta' Antonia Pisani bi ksur tal-Art. 325(1)(b) tal-Kap 9.

3. Ukoll talli bla hsieb li jisraq jew jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita id-dritt li jippretendi li ghandu gieghel bl-awtorita tieghu innifsu, jew jesegwixxi obbligazzjoni li tkun li tkun, jew fixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejjgu, jew b'xi mod iehor kontra l-ligi, indahal fi hwejjeg haddiehor bi ksur ta' Art. 85 tal-Kap 9.

4. Kif ukoll talli fl-istess cirkostanzi kien fil-pussess ta' zewg strumenti li jaqtghu u bil-ponta minghar il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

5. Ukoll talli fl-istess cirkostanzi (mal-lejl) dahal gewwa residenza ta' Antonia Pisani u cioe gewwa l-fond Peacock, Slt 203A, Triq Testaferrata Msida minghajr kunsens ta' Pisani permezz ta' skalata, bi ksur u permezz ta' mfietah foloz.

Talli b'diversi atti maghmulin minnek ukoll jekk fi zminijiet differenti jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

6. Ukoll talli nhar il-11 ta' Mejju 2013 u/jew fil-granet u/jew fix-xhur ta' qabel gab ruhu b'mod li ta fastidju lil persuna ta' Antonia Pisani bi ksur ta' Art.  251 A tal-Kap 9.

7. U talli fl-istess cirkostanzi, bl-imgieba tieghu ikkaguna jew messu kien jaf li qed jikkaguna lil haddiehor jibza li ser tintuza vjolenza kontra Antonia Pisani jew kontra l-propjeta taghha jew kontra persuna jew propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew

bniet jew xi persuna msemmija fl-Art 222(1) bi ksur ta' (Art 251B(1)(2), 251(c).

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali kwazi nadifa tieghu u l-fatt illi l-imputat iddispjacieh ghall-akkadut.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 251, 251A, 251B(1)(2), 251(C), 221(1), 325(1)(b), 85 u 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta' sitt (6) xhur prigunerija li wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dan il-perjodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mill-lum u tikkundannah ukoll ghall-multa ta' mija u sittax il-euro u seba w erbghin centezmu (€116.47).

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Illi wara li rat l-artikolu 412 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna l-hrug ta’ Ordni ta’ Protezzjoni fil-konfront ta’ Antonia Pisani u dan ghal zmien tlett (3) snin mil-lum.

Finalment il-Qorti tordna l-konfiska ta’ Dok C

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------